MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1734/1999/1

**Universita` ta' Malta**

**Vs**

**Carmen sive Bella Hili**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-Universita` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta kienet impjegata fl- Universita` ta' Malta;

U premess illi l-impjieg ta' l-istess konvenuta kien gie itterminat mill-attur b' effett mis-7 ta' Jannar 1997;

U premess illi l-konvenuta b' ittra tas-27 ta' Lulju, 1998, kopja esebita ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata Dokument A, kitbet lill-Ministru tas-Sigurta` Socjali fejn ikkontestat li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kien wiehed ingust;

U premess illi, il-kaz tal-konvenuta gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Harsien Socjali b' ittra datata 27 ta' Lulju, 1998 b'riferenza MHS/TI/62/98, u inghatat decizjoni fil-15 ta' Gunju, 1999 mill-istess Tribunal, kopja ta' liema decizjoni hi annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata Dokument B;

U Premess illi l-istess Tribunal b' din id-decizjoni, wara li ezamina l-fatti tal-kaz, iddecieda fis-sens li:

"l-Universita` kellha ragun tittermina l-impjieg bhala pass ta' dixxiplina, pero' in vista tad-dewmien esagerat biex tiehu din id-decizjoni, dan it-temm ta' impjieg ghandu jsehh mill-5 ta' Gunju, 1998 u ghalhekk l-appellanti ghandha tithallas il-paga shiha sa dik id-data.

In vista tad-dikjarazzjoni ta' l-appellanti fl-ittra tat-28 ta' Mejju 1997 ghandu jitqies bhala leave bla paga. Il-hlas ghandu jkun mid-29 ta' Mejju 1997 sal-5 ta' Gunju, 1998."

Premess illi a tenur ta' l-Artikolu 33 tal-Kapitolu 266, is-setghat moghtija lit-Tribunal Industrijali f' kazijiet ta' tkeccija huma limitati biss ghall- kazijiet fejn l-ilment ta' tkeccija ingusta migjub quddiemu huwa ritenut fondat, f' liema kaz it-Tribunal ghandu l-poter jew jordna r-reintegrazzjoni ta' l-impjegat fl-impjieg tieghu jew jakkordalu kumpens u m'ghandu l-ebda poter iehor;

Premess illi ghalhekk d-decizjoni fuq imsemmija hija wahda *ultra vires* u barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal in kwantu la darba ddecieda li l-istess terminazzjoni ta' l-impjieg kien wiehed gust, ma kellu l-ebda setgha fil-ligi li jaghti ebda provvediment iehor u in partikolari ma kellux u m'ghandux setgha fil-ligi li jiddetermina d-data minn mindu t-terminazzjoni ta' l-impjieg ghandu jsehh jew jigi kkunsidrat effettiv, kif ukoll ma kellux setgha jiddeciedi li l-

konvenuta kellha tithallas il-paga ghal dak il-perjodu billi tali decizjonijiet jezorbitaw il-gurisdizzjoni tieghu u huma fil-kompetenza tat-Tribunali Ordinarji;

Talbet ghalhekk l-Universita` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fil-15 ta’ Gunju, 1999 (Decizjoni Nru. 1044) fuq premessa, in vista tal-premess, kienet *ultra vires* u barra l-poteri moghtija lill-istess Tribunal u ghalhekk nulla fil-ligi in kwantu ddecidiet li t-temm ta’ l-impjieg tal-konvenuta kellu jsehh mill-5 ta’ Gunju 1998 u li din kellha tithallas il-paga shiha sa dik id-data;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Professur Roger Ellul Micallef ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-Universita` ta’ Malta, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hi nulla ai termini tal-proviso ta’ l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 266;

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talba ta’ l-attur ghandha tigi respinta u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(a) It-Tribunal Industrijali agixxa skond il- ligi;

(b) L-interpretazzjoni li l-attur qed jaghti lid- decizjoni tat-Tribunal Industrijali ma tirriflettix il-verita` u kien ghalhekk li f’ dan il-kaz il-procedura idonea hija dik ta’ l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 266 dwar ir- Relazzjonijiet Industrijali.

(c) L-*award* tat-Tribunal kien rigward tkeccija ngusta fis-7 ta’ Jannar 1997 li *notice* taghha l-attrici irceviet fit-8 ta’ Gunju 1998 u cioe` sena u nofs wara;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fil-5 ta' Novembru 2000;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ta' l-avukat difensur ta' l-Universita` attrici maghmula fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2001;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-*causa petendi* ta' l-Universita` attrici hi msejsa u rakkjuza fis-segwenti raguni guridika. Gjaladarba t-Tribunal Industrijali ddecieda li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenuta kien wiehed gust, *ergo*, imbaghad, ma kellu l-ebda setgha fil-ligi li jaghti provvediment iehor. Senjatament ma kellux is-setgha:

I. li jiddetermina d-data minn mindu t-terminazzjoni ta' l-impjieg ghandu jsehh jew jigi effettiv; u

II. li jiddeciedi li l-konvenuta kellha tithallas paga ghal dak il-perijodu billi tali decizjoni tezorbita mill-gurisdizzjoni tieghu u hi ta' kompetenza tat-tribunali ordinarji;

Il-konvenuta tiddefendi ruhha billi fl-ewwel lok tippretendi li c-citazzjoni hija nulla in vista ta' dak ritenut fil-proviso ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 266. Fit-tieni lok, issostni illi t-

Tribunal agixxa konformement mad-disposizzjonijiet tal-ligi;

Il-Qorti ser tidderimi fil-qosor l-ewwel eccezzjoni sottomessa billi ma thossx li fil-kaz hawn prospettat jiccentra l-proviso ta’ l-artikolu tal-ligi surreferit;

Huwa bil-wisq car illi l-azzjoni ta’ l- Universita` attrici ma hijiex diretta biex tirrevedi l-istat ta’ fatt krejat bis-sentenza minnha npunjata izda qed tadixxi l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti biex din tissindika l-operat u s-setghat tat-Tribunal. Gurisdizzjoni din, li kif pacifikament stabbilit fi skorta ta’ decizjonijiet fuq il-materja, “hi limitata pero` ghal meta t-Tribunal jmur *ultra vires* jew kontra r-regoli ta’ gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra l-ligi miktuba” (“**Reno Alamango –vs- Mary Rose Ciantar**”, Appell Civili, 29 ta’ Mejju 1991; “**Avv. Dr. Vincent Falzon *nomine* –vs- Isabelle Grima**”, Appell Civili, 17 ta’ Mejju 1993; “**Michael Mallia *nomine* –vs- Carmel Debono et**”, Appell, 13 ta’ Frar 1997, f’ liema tinsab rassenja ta’ sentenzi *in subjecta materja*);

Ma ghandux ikun dubitat illi b’affidament lil dawn il-Qrati tal-mekkanizmu tac-*checks and balances* dawn gew moghtija l-fakolta` biex permezz tad-duttrina tal-*judicial review* jannullaw sentenza tat-tribunali specjali u decizjonijiet amministrattivi biex jigi assikurat ottemperament mal-ligijiet jew biex jigi mpedut jew eliminat l-abbuz;

Mill-ezami tas-sentenzi precitati u ohrajn li ttrattaw il-materja l-Qorti tinnota illi filwaqt li f’materji simili l-Qorti tikkustodixxi b’zelu l-ligijiet u l-principji fuq affermati, minn naha l-ohra ma tannullax leggerment sentenzi meta dawn invece jimmeritaw li jibqghu fis-sehh;

Jehtieg allura li jkun hemm prova tassew serja u tabilhaqq konvincenti tan-nullita` invokata. Prova rigoruza li tinkombi b’ oneru fuq l-attur li jallegaha. Minn dan isegwi illi biex l-Universita` attrici tirnexxi fl-azzjoni taghha hi jehtiegilha tipprova illi verament t-Tribunal skonfina l-poteri tieghu u l-agir tieghu kien *ultra vires* jew in eccess tas-

setghat lilu affidati.  Hu biss jekk jirnexxielha taghmel dan li jista' jinghad in segwitu illi s-sentenza jew dik il-parti taghha hawn oppunjata hi milquta minn difett legali li jwassal ghan-nullita` taghha;

Fit-trattazzjoni orali taghha, traskritta a fol. 27 tal-process, l-Universita` attrici tikkoncentra l-isforzi taghha fuq l-argoment illi gjaladarba t-Tribunal ma rriskontra l-ebda htija f' min ihaddem ghal-licenzjament ta' l-impjegat, dan ma setax imbaghad jillikwida d-danni ladarba rrizulta li t-terminazzjoni ma kinitx wahda ngusta;

A prima vista dan l-argument jista' jitqies logiku u valevoli. Ezami aktar akkurat tal-kaz u tad-dritt li jirregola l-materja ghandu, fil-fehma ta' din il-Qorti, iwassal ghal konkluzjoni li dak l-istess argoment vantat ma kienx sostenibbli;

Issa l-parti recitativa tas-sentenza attakkata (kopja esebita a fol. 6) taqra hekk:

"Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti qed jigi deciz li l-Universita` kellha ragun tittermina l-impjieg bhala pass ta' dixxiplina, pero` in vista tad-dewmien esagerat biex tiehu din id-decizjoni, dan it-terminu ta' impjieg ghandu jsehh mill-5 ta' Gunju 1998 u ghalhekk l-appellanti ghandha tithallas il-paga shiha sa dik id-data."

Hu ovvju minn din is-silta illi t-Tribunal ikkonsidra l-materja tad-dewmien fit-tehid tad-decizjoni tat-temm ta' l-impjieg fil-qafas tad-determinazzjoni tal-gustizzja o meno ta' l-istess licenzjament.  L-ingustizzja jew il-gustizzja tal-kaz giet allura nkwadrata fl-assjem taghha, in kwantu d-dewmien innifsu tat-tehid tad-decizjoni tat-terminazzjoni jippresupponi agir li jista' jkun abuziv, illegali jew mhux skond il-ligi.  Agir li una volta provat li kien hemm u li kkawza danni kien gust li jigi rettifikat permezz ta' kumpens finanzjarju.  Dawn allura kellhom jitqiesu danni li l-ligi specjali takkorda u tirrizerva lit- Tribunal Industrijali li jillikwida u jiddetermina.  Ghamel sewwa ghalhekk it-Tribunal li pprovda r-rimedju;

Il-fehma hawn espressa mhix xi '*noviter deductus*'. Gja nsibu enuncjat illi t-Tribunal Industrijali ghandu s-setgha taht l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266 bl-uzu tal-kliem "<u>ghal kull ghan</u>" li jifli tkeccija minn impjieg li jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raguni gusta u sufficjenti fil-meritu;

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Dottor Carmel Chircop –vs- Awtorita` Marittima ta' Malta",** Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Marzu 2001 per Imhallef Joseph R. Micallef, "f'dan ir-rigward, gie stabilit kemm mill-kitbiet ta' l-awturi u kif ukoll minn decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali nnifsu li huwa ghandu s-setgha, taht l-Artikolu 28, li jifli tkeccija minn impjieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm ragunijiet li jiggustifikawha, din tkun saret b' mod mhux misthoqq jew ingust (ara, per ezempju, decizjoni tat-Tribunal Industrijali ta' l-10 ta' Marzu 1981, fil-kaz fl-ismijiet "**Diacono –vs- M. C. M. Aluminium Limited**). Fi kliem iehor, din il-gurisdizzjoni tat-Tribunal testendi ghal dak li huwa maghruf bhala *technically unfair dismissal*. Tali bixra ta' fehmiet baqghet titqies ukoll matul iz-zmenijiet (ara, per ezempju, decizjoni tat-Tribunal ta' l-24 ta' Novembru 1998, fil-kaz fl-ismijiet "**Debattista –vs- Koperattiva Indafa Pubblika**")";

Issokta jigi amplifikat f'din l-istess decizjoni in sede appell (5 ta' Ottubru 2001) illi "il-ligi specjali – Kap 266 - ma tiddistingwix bejn il-kwalita` ta' l-ingustizzja u l-att tat-tkeccija. Ma tillimitax il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali skond il-meritu tar-raguni tat-tkeccija, u kellu allura jiftiehem li din testendi wkoll ghat-tkeccija li tkun proceduralment skorretta u allura ingusta, bhal fil-kaz fejn min ihaddem ma jkunx osserva l-iter obbligat mil-ligi u/jew mill-ftehim dwar kif kellha issir it-tkeccija.";

Fiha jissokta jinghad illi "it-terminu 'ghal kull ghan' [Artikolu 28(1)] hu tradott fit-test ingliz bil-kliem 'for all purposes'. Termini dawn li huma inkluzivi u jestendu ghal kull xorta ta' tkeccija ingusta tkun xi tkun ir-raguni, ... Kull xorta ta' azzjoni dwar tkeccija ngusta allura, kollox inkluz u xejn eskluz, kienet taqa' taht il-kompetenza eskluziva tat-Tribunal Industrijali sakemm ikun jaqa' fid-definizzjoni ta' 'tkeccija ngusta' kif definita fis-subinciz 2 tal-Kap 266.";

Fil-kaz *de quo* jidher mill-atti tal-proceduri quddiem it-Tribunal illi effettivament il- konvenuta odjerna kienet adduciet bhala lanjanza  l-fatt illi hi kienet irceviet l-ittra tat-temm  ta’ impjieg f’ Gunju 1998  meta allura l-ahhar paga li irceviet kienet dik tax-xahar ta’ Jannar 1997.  Dan is-suggett ghalhekk kellu, u fil-fatt gie, ittrattat mit-Tribunal billi dan ukoll kien jaqa’ fil-parametri u l-limiti tal-gurisdizzjoni tieghu;

Jirrizulta difatti minn sentenzi anterjuri, *ad exemplum* dik tal-Qorti ta’ l-Appell tat-3 ta’ Gunju 1991 in re “**Mariella Fenech Pace –vs- Raymond Bondin *et nomine***”, illi l-qrati ordinarji waqqfu milli jiddeciedu materji relatati ma’ talbiet dwar kundizzjonijiet ta’ impjieg f’ kawzi fejn kien necessarju wkoll li tigi investigata kwistjoni marbuta mal-validita` tat-temm ta’ l-impjieg.

Fiha, a propozitu, gie rimarkat dan:

“Issa hu veru li l-attrici qed titlob hlas ta’ salarju minghajr ma ssemmi xejn dwar it-tkeccija taghha kinitx wahda ngusta.  Pero` biex il-Qorti tezamina l-kaz u tasal ghad-decizjoni taghha, tkun kif tkun, ikollha bil-fors tezamina jekk it-tkeccija ta’ l-attrici u n-nuqqas taghha li tirraporta ghax-xoghol kinux gustifikati, u dan necessarjament jincidi l-kamp rizervat esklusivament lit-Tribunal Industrijali. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti *nomine* dwar l-inkompetenza ta’ din il-Qorti li tiehu konjizzjoni tal-kawza hija attendibbli.”

In bazi ghall-insenjamenti akkolti fid-decizjonijiet rivizitati din il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal Industrijali fid-decizjoni npunjata tal-15 ta’ Gunju 1999 esorbita` mill-isfera tas-setghat lilu konferiti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara illi bis-sentenza tieghu tal-15 ta' Gunju 1999 fil-kaz tal-kwistjoni tax-xoghol bejn Carmen sive Bella Hili u l-Universita` ta' Malta (Decizjoni Numru 1044) it-Tribunal Industrijali ma agixxiex *ultra vires* il-poteri assenjati lilu mil-ligi specjali (Kapitolu 266). Konsegwentment ghalhekk tichad it-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-Universita` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------